**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 406/2006**

**Illum: 20 ta' Jannar 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Carmela Spiteri**
**(ID 13467(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Carmela Spiteri ta' 38 sena, bint missier mhux maghruf u Mary Rose Spiteri, imwielda l-Pieta` nhar l-24 ta' Dicembru 1966, residenti 182, Flat 8, Triq Sant'Orsla, Valletta, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 13467(M);

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fit-18 ta' Novembru 2005:

1. Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta, li tforni d-droga msemmija, minghajr ma kienet fil-pussess ta'

awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellha licenzja jew kienet xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellha fil-pussess taghha d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellha licenza mill-President ta' Malta minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza imsemmija, u minghajr ma kellha licenzja jew kienet xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni l-istess droga u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Kif ukoll talli saret recidiva ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija nhar it-18 ta' Marzu 2004, kif ukoll dawk moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-20 ta' Frar 2004 mill-Magistrat Dott. A. Mizzi LL.D., nhar is-16 ta' Novembru 2004 mill-Magistrat Dott. A. Mizzi LL.D. u nhar l-14 ta' April 2005 mill-Magistrat Dott. M. Mallia LL.D., liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

4. Kif ukoll talli kisret kundizzjoni moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-14 ta' Novembru 2005 mill-Magistrat Dott. L. Quintano LL.D., liema decizjoni saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni ta' l-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex dan il-kaz jinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi ghalkemm din il-kawza giet differita *sine die* minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, nhar l-1 ta' Frar 2013, b'digriet ta' din il-Qorti, kif preseduta, tal-11 ta' Gunju 2014, din il-kawza giet rikjamata ghat-22 ta' Settembru 2014;

Rat illi fis-seduta tal-4 ta' Frar 2015, il-partijiet ezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar, quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiza.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Skont ix-xhieda ta' *Second SM* 45 Marisa Bartolo[1], nhar it-18 ta' Novembru 2005, ghall-habta tas-7.30 p.m., hija kienet qeghda hdejn ir-*roundabout* maghrufa bhala 'tal-gass', meta rat zewg vetturi hdejn xulxin, gharfet lill-imputata odjerna f'wahda mill-vetturi, rat ragel hdejn il-bieba tal-vettura taghha u ratu wkoll jghaddilha xi flus, fil-waqt illi rat lill-imputata taghtih xi haga. Hija halliet lill-imputata titlaq u segwiet it-tieni vettura bil-pjanci Taljani, fid-direzzjoni tal-Kappara, sakemm waslet hdejn ir-residenza tal-persuna li kien fil-vettura – li mill-atti jirrizulta li kien certu Pasquale Calandra – u talbitu sabiex jaghtiha dak li kien ghadu kif xtara minghand it-tfajla. Tghid illi huwa fetah idejh u taha zewg boroz bi trab abjad. Din il-persuna giet arrestata u x-xhud ikkonsenjat il-boroz imsemmija lill-Ufficjal Investigatur ossia lill-Ispettur Pierre Grech. In kontro-ezami, ix-xhud tghid illi l-imputata kienet wahedha fil-vettura in kwistjoni, skont hi, Hyundai Accent ta' kulur ahmar, ghalkemm ma setghetx tiftakar x'kien in-numru tar-registrazzjoni tal-vettura. Tghid ukoll illi l-imputata ma gietx intercettata dak il-hin, ghaliex hija gharfitha u kienet taf min hi u ma kellhiex bzonn twaqqafha dak il-hin, anke ghaliex kienet wahedha. Madankollu rat lill-imputata tigbed lejn id-direzzjoni tal-Belt. Tghid illi hija m'ghamlitx tfittxija fir-residenza tal-persuna arrestata, li fil-vettura tieghu ma

[1] Din tinsab a fol. 16 sa 22 tal-process.

nstab xejn u li fuq il-persuna tieghu, nstabu xi Lm10. Fix-xhieda tieghu, l-Ufficjal Prosekutur jghid illi huwa interroga lill-persuna arrestata minn SM 45 Marisa Bartolo u dan kien ghazel ukoll li jikkonferma l-istqarrija tieghu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti.[2]

Fil-fatt l-ghada ossia fid-19 ta' Novembru 2005, Pasquale Calandra kkonferma l-istqarrija rilaxxjata minnu nhar it-18 ta' Novembru 2005, bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti ai termini tal-Artikoli 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, f'liema xhieda huwa indika lill-persuna li minghandha kien xtara d-droga misjuba fil-pussess tieghu.

L-imputata odjerna rrilaxxjat stqarrija lill-pulizija fl-20 ta' Novembru 2005 u dan wara li nghatat is-solita twissija ossia li ma kinitx obbligata li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li taghmel dan, izda dak li tghid jista' jingieb bhala prova.[3]

Skont ir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, mahtur fil-mori ta' dawn il-proceduri sabiex janalizza l-kontenut tal-esebit, Dokument PG2, ossia d-dokument esebit mix-xhud *Second SM* 45 Marisa Bartolo bhala z-zewg boroz bit-trab abjad elevati minn fuq il-persuna li ssemmi fix-xhieda taghha, fl-estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad instabet is-sustanza kokaina. Il-piz total tat-trab kien ta' 0.93 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 38%.[4]

Pasquale Calandra baqa' ma xehedx f'dawn il-proceduri. Mill-verbal tas-seduta tal-25 ta' Jannar 2008, jirrizulta illi "*L-Ispettur Pierre Grech iddikjara li l-Pulizija fittxet diversi drabi lil Pasquale Calandra sabiex jitla' jixhed izda ma rnexxilhiex issibu.*"[5] Fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2008, imbaghad, l-Ispettur Pierre Grech spjega li kien jonqsu xhud iehor li huwa barrani u li ma jistax jinstab u ghalhekk ma setax iharrku. Il-Prosekuzzjoni ghalhekk iddikjarat li ghalqet il-provi.[6]

Jirrizulta wkoll illi ghalkemm permezz ta' nota tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali tat-22 ta' Ottubru 2013, giet ipprezentata r-relazzjoni tal-espert tekniku, Dr. Stephen Farrugia Sacco, mahtur mill-Magistrat Inkwirenti sabiex jezamina l-*mobile phones* tal-imputata odjerna u tax-xhud Calandra, kif jirrizulta mill-atti tal-process verbal dwar l-istqarrija guramentata tal-istess Pasquale Calandra, din ir-relazzjoni giet esebita ferm wara illi l-Prosekuzzjoni kienet ghalqet il-provi taghha

---

[2] Ara x-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Pierre Grech a fol. 10 sa 12 tal-process.
[3] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 13 sa 15 tal-process.
[4] Ara r-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, esebita a fol. 36 tal-process.
[5] A fol. 31 tal-process.
[6] Ara l-verbal a fol. 52 tal-process.

f'dawn il-proceduri u effettivament ukoll minghajr ma saret talba da parti tal-Prosekuzzjoni sabiex tigi esebita tali prova.[7]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Jibda biex jinghad illi l-istqarrija tal-imputata giet rilaxxjata minnha fl-20 ta' Novembru 2005 u ghalhekk fiz-zmien meta l-ligi Maltija ma kinitx tipprovdi ghad-dritt ta' persuna arrestata li tottjeni parir legali qabel tirrilaxxja stqarrija. Dan il-jedd ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fit-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg v. Malta**, gie ritenut hekk:

"*The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

…

*It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56)*".

[7] Fi kwalunkwe kaz, ghalkemm fid-digrieti taghha tal-24 ta' Novembru 2005, il-Magistrat Inkwirenti laqghet it-talba tal-Ufficjal Investigatur biex tinnomina espert tekniku sabiex jezamina l-*mobile phones* tal-marka Nokia misjuba fil-pussess tal-imputata u ta' Calandra (ara a fol. 5 u 6 tal-process verbal esebit a fol. 26 tal-process), effettivament dan l-inkarigu gie limitat sabiex l-espert tekniku jezamina l-*incoming* u l-*outgoing calls* minn fuq l-imsemmija *mobiles* (ara d-digriet a fol. 3 tal-process). Ghalhekk kwalsiasi informazzjoni ohra migbura mill-espert tekniku ma kinitx tifforma parti mill-inkarigu lilu moghti u ma tistax tigi meqjusa bhala prova.

F'dan il-kaz ghalhekk il-Qorti Ewropea ikkonkludiet li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6(3)(c) flimkien mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2016 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Joseph Camilleri</u>**, fejn l-appellant ikkontesta l-ammissibilita` tal-istqarrija rilaxxjata minnu fis-sena 2002, stante illi l-ligi ma kinitx tipprovdilu d-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju tieghu, il-Qorti wara li rreferiet fit-tul ghas-sentenza appena citata u rreferiet ukoll ghall-kaz ta' **<u>Aleksandr Vladimirovich Smirnov vs Ukraine</u>**, deciz fit-13 ta' Gunju 2014, qalet hekk:

"*... allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat ma' l-artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Illi allura meta l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan b'mod sistematiku billi ma ikunx hemm disposizzjoni ad hoc li taghti dan il-jedd lil persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li isehh lezjoni tad-dritt tal-persuna akkuzata ghal smiegh xieraq anke f'dawk il-kazijiet estremi fejn ma ikun hemm l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'dawn l-istqarrijiet. Illi fil-kaz deciz quddiem il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Navone vs Monaco, nstab li kien hemm lezjoni billi l-akkuzat ma kellux jedd ghall-assistenza ta' l-avukat matul l-interrogazzjoni similment billi l-ligi tal-pajjiz ma kenitx tippermettieha. (ara ukoll Yesilkaya vs Turkey – 59780/00 08/12/2009, Fazli Kaya vs Turkey – 24820/05 17/09/2015).*

*Dan il-jedd gie anke estiz fil-kaz fejn l-akkuzat kien gie moghti il-jeddijiet kollha vigenti skont il-ligi ta' pajjizu inkluz allura il-jedd tieghu ghas-silenzju u fil-fatt huwa kien ezercita dan il-jedd u ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija lilu maghmula. Il-Qorti xorta wahda sabet li kien hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 6(3)*[8] *u dan ghaliex ma kienx ikkonsulta ma' avukat biex ifissirlu il-jeddijiet tieghu skont il-ligi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u id-dritt li ma jinkriminax ruhu b'dan ghalhekk illi l-Qorti implikat illi t-twissija moghtija mill-ufficjali investigattiv ma hijiex bizzejjed.*"

Imbaghad il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet hekk:

"*Illi allura hija fis-setgha ta' din il-Qorti u dan qabel ma jigi determinat il-process gudizzjarju kontra l-appellanti illi twarrab dik l-evidenza illi tmur kontra il-garanziji moghtija kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni ghal harsien tal-*

[8] Hawnhekk il-Qorti rreferiet ghal kaz fl-ismijiet Dayanan vs Turkey, deciz fit-13 ta' Ottubru 2009.

*jedd għal smiegħ xieraq tal-persuna akkużata. Fil-fatt dan il-jedd ġie indikat fid-deċiżjoni tal-Qorti Ewropeja fil-każ Dimech vs Malta*[9] *fejn f'dak il-każ għalkemm il-Qorti ma setatx tasal biex tistabbilixxi jekk kienx sehh leżjoni ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi l-proċeduri penali kienu għadhom ma ntemmux, madanakollu saħħqet:*

***"…. it cannot be entirely excluded that the courts of criminal jurisdiction, before which the case is heard, hear the case in the same circumstances that would have existed had the right to legal assistance during pre-trial stage not been disregarded, namely by expunging from the records the relevant statements. The Court notes that, if, because of the limitations of the applicable criminal procedural law, it is not possible given the stage reached in the pending proceedings, to expunge from the records the relevant statements (whether at the request of the applicant or by the courts of criminal jurisdiction of their own motion), it cannot be excluded that the legislature take action to ensure that a procedure is made available at the earliest opportunity for this purpose."***

F'dak il-każ, il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset għalhekk illi għalkemm l-appellant ma wieġibx għad-domandi kollha li kienu sarulu fil-kors tal-interrogatorju tiegħu, huwa kien wieġeb għal xi domandi li ġew ikkunsidrati mill-Ewwel Qorti meta ġiet biex tiddetermina l-ħtija tal-istess appellant. Fil-fehma tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-dawl tad-deċiżjonijiet minnha ċitati, dan ma setax isir u għaldaqstant iddeċidiet illi tiskarta l-istqarrija tal-appellant bħala prova.

Fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Cortis**, il-Qorti tal-Appell Kriminali, kif diversament preseduta, qablet pjenament mas-sentenza appena ċitata u għaddiet biex tiskarta l-kontenut tal-istqarrija tal-appellant rilaxxjata minnu f'Mejju tas-sena 2005 "*u dan fuq il-premessa illi ma kellux il-benefiċċju tal-assistenza legali waqt li miżmum taħt arrest minkejja li l-liġi viġenti f'dak iż-żmien kienet teskludi l-jedd għal tali assistenza*".

Fil-każ odjern, għalhekk, la darba l-imputata ma ngħatax id-dritt li tottjeni parir legali qabel irrilaxxjat l-istqarrija tagħha, il-Qorti m'hijiex qed tqis tali stqarrija bħala prova ammissibbli u qegħda tiskartaha.

Jirriżulta wkoll, kif ingħad iżjed 'il fuq, illi għalkemm il-Prosekuzzjoni, f'dan il-każ, ressqet fil-konfront tal-imputata odjerna x-xhieda ġuramentata ta' Pasquale Calandra, mogħtija minnu ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-

[9] 34373/13, deċiż fit-2 ta' Lulju 2015.

Ligijiet ta' Malta, dan ix-xhud baqa' ma xehedx f'dawn il-proceduri. Fis-sottomissjonijiet taghha, id-difiza ghamlet referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Pierre Gravina** u ssottomettiet illi a bazi ta' din is-sentenza, ix-xhud kellu jixhed f'dawn il-proceduri, sabiex jigi soggettat ghall-kontro-ezami tad-difiza u fin-nuqqas ta' dan, l-istqarrija guramentata tieghu ma setghetx legalment tingieb bhala prova kontra l-imputata. Il-Qorti qeghda taghmel referenza ghas-sentenza msemmija u moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Mejju 2003, fejn inghad hekk:

"*Issa, huwa principju generali li "…ix-xhieda ghandhom dejjem jigu ezaminati fil-Qorti u viva voce" (Artikolu 646(1), Kap. 9). Ghal din ir-regola, pero`, hemm certi eccezzjonijiet li jipprovdi ghalihom l-istess Artikolu 646 fis-subartikoli li jigu wara s-subartikolu (1). Hemm ukoll l-eccezzjoni tad-deposizzjoni mehuda in segwitu ghall-hrug ta' ittri rogatorjali bil-procedura traccjata fl-Artikolu 399 tal-Kodici Kriminali, procedura li giet ritenuta applikabbli anke ghal kawzi sommarji (ara Il-***Pulizija v. Angelo Grima** *App. Krim. 18 ta' Ottubru, 1952), u li fil-prattika giet ukoll applikata mill-Qorti Kriminali f'xi kazijiet wara l-hrug tal-att ta' akkuza. U hemm l-eccezzjoni ta' meta xhud jinstema' f'daru minhabba mard jew xjuhija (Art. 647, Kap. 9). Jigi osservat li anke fil-kaz ta' xhieda permezz ta' rogatorji u ta' xhieda li jinstemghu f'darhom, l-imputat jew akkuzat ghandu dejjem il-jedd li jkun presenti waqt is-smigh tax-xhud jew li jahtar rappresentant tieghu ghal waqt tali smigh – Art. 647(3) u 399(2). L-ewwel sentenza tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 taghmilha cara li dak l-Artikolu qed jipprovdi ukoll eccezzjoni, pero` mhux eccezzjoni ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali izda ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 661[10] ta' l-istess Kodici. Minn dan isegwi, li anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li min ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontroezaminah dwarha. ... bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza* ***Kostovski v. Netherlands*** *(20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu*

***does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with***

[10] L-Artikolu 661 tal-Kap. 9 jghid hekk: "Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha, u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra."

***paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings.***[11]"

*Fil-kaz in dizamina Mentosa la gie prodott mill-prosekuzzjoni fil-qorti peress li kien telaq minn Malta definittivament, u anqas ittiehdet id-deposizzjoni tieghu permezz tal-procedura tar-rogatorji. L-ewwel qorti, ghalhekk, kellha tiskarta l-istqarrija guramentata tieghu u mhux, kif effettivament ghamlet, tistrieh in parti fuqha. Sfortunatament il-ligi ma tipprovdix ghal dak li jista' jsir f'kaz bhal dak in ezami meta l-persuna li tkun ghamlet l-istqarrija guramentata skond l-Artikolu 30A tmut, jew ma tkunx tista' tinstab, jew ma jkunx ragonevolment prattikabbli li tinstema' permezz ta' rogatorji.*" [sottolinear ta' dik il-Qorti]

F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet ukoll illi:

"*Ghal kull buon fini l-Qorti tosserva li l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ma teskludix l-ammissibilita` ta' stqarrijiet maghmula minn persuni li in segwitu qatt ma jingiebu bhala xhieda fil-process. Dak li dik il-Qorti tara biex tiddetermina jekk kienx hemm jew le smiegh xieraq hu jekk dawk l-istqarrijiet <u>kienux l-unika prova kontra l-akkuzat, jew kinux altrimenti prova determinanti biex huwa jinstab hati</u>. Ara f'dan is-sens Ben Emmerson u Andrew Ashworth* ***Human Rights and Criminal Justice*** *Sweet & Maxwell (London) 2001: "What appears from these and other decisions is a complex mixture of at least three major factors. First, the Court's chief concern is the fairness of the trial as a whole: the defendant's right to "confront" or cross-examine every prosecution witness is important, but not absolute. Or, to express the point differently, reliance on pre-trial witness statements is not contrary to the Convention, so long as the rights of the defence are respected. Secondly, the Court's judgment on overall fairness is much affected by the significance of the written or reported statements for the prosecution case: it is fairly clear that a trial would be unfair if the conviction rested "solely or mainly" on the disputed statement, but in some decisions the test is expressed in terms more favourable to the defence. Thus in Ludi v. Switzerland the Court thought it sufficient to render the trial unfair that the written evidence had "played a part" in the conviction. However this may be explained by the third factor: that the Court has regard to the practical possibility of according greater recognition to defence rights than was done at the trial. In other words, there are some cases*

[11] (1990) 12 E.H.R.R.434, para. 41.

*where the impracticability of producing the witness at the trial might lead the Court to adopt a more flexible approach to Article 6(3)(d) (as, for example, in Artner v. Austria, where the witness had gone missing and was untraceable; or in Asch v. Austria, where the witness exercised her right not to testify). But the national court should always look for alternative safeguards. As the Court put it in Van Mechelen v. Netherlands, "any measures restricting the rights of the defence should be strictly necessary. If a less restrictive measure can suffice then that measure should be applied"." (para. 15-114, 15-115, pagna 465).*" [sottolinear ta' din il-Qorti]

Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-6 ta' Lulju 2016, fl-ismijiet **<u>Ir-Repubbblika ta' Malta vs Charles Paul Muscat</u>**, wara li dik il-Qorti ghamlet referenza ghall-Artikolu 30A tal-Kap. 101, kif ukoll ghall-Artikolu 661 tal-Kap. 9, li ghalih l-imsemmi Artikolu 30A jaghmel eccezzjoni, inghad hekk:

"*Issa allura dan ifisser illi ai termini tal-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo ghandhom jitqiesu illi huma 'a competent witness' fil-konfront tal-akkuzat ghalkemm fiz-zmien meta huma offrew id-depozizzjoni taghhom kienu ghadhom jitqiesu bhala ko-akkuzati billi l-proceduri kriminali fil-konfront taghhom dwar l-istess fatti addebitati lill-akkuzat odjern kienu ghadhom ma gewx konkluzi. Li hu cert huwa illi sakemm il-kaz taghhom jigi deciz dawn iz-zewg xhieda ma humiex 'a compellable witness' u cioe' ma jistghux jigu imgieghla jaghtu id-depozizzjoni taghhom billi ghandhom id-dritt sancit mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem illi ma jwiegbu ghall-ebda mistoqsija li tista' b'xi mod tinkriminahom. Fil-fatt meta huma offrew id-depozizzjoni taghhom matul il-kumpilazzjoni ghazlu li juzufruwixxu minn dan il-jedd u ma xehdux. Issa id-difiza targumenta illi gialadarba l-akkuzat ma nghatax il-jedd li jikkontrolla dak mistqarr minn dawn it-tnejn min-nies fl-istqarrija guramentata taghhom li tinsab esebita in atti, din il-prova f'dan l-istadju hija inammissibbli u ghandha tigi skartata u dan fid-dawl ta' dak deciz superjorment fid-decizjoni ta' 'Gravina' supra citata. Dan ghaliex l-artikolu 30A ma huwiex eccezzjoni ghal dak dispost fl-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali fejn hemm espressament stipulat illi "***ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-Qorti u viva voce.***"*

*Illi l-akkuzat kien ikollu ragun fl-argumenti minnu imressqa li kieku dawn iz-zewg xhieda ghazlu li ma jixhdux matul is-smigh tal-guri. Illi allura il-Qorti u cioe' l-Imhallef togat ikun irid necessarjament jaghti direzzjoni lill-imhallfin tal-fatti u cioe` lill-gurati meta jigu biex jiznu din il-prova mressqa mill-Prosekuzzjoni. Izda dan jista' isir biss fl-istadju meta allura ikun qed jinstema' il-process penali fil-*

*konfront tal-akkuzat. Illi ghalhekk ghalkemm gustament l-akkuzat talab id-direzzjoni tal-Qorti f'din l-ewwel eccezzjoni sollevata minnu ghar-rigward tal-validita' probatorja tal-istqarrijiet guramentati li jinsabu fl-atti bhala prova li giet kumpilata fl-istadju li jipprecedi l-guri mill-Qorti Istruttorja, madanakollu huwa prematur ghall-Qorti li tiddikjara tali prova bhala wahda inammissibbli meta z-zewg xhieda Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo it-tnejn indikati bhala xhieda tal-Prosekuzzjoni ghad iridu joffru id-depozizzjoni taghhom fil-guri. Izda jekk f'dak l-istadju huma jiddikjaraw li ser jaghzlu li ma jixhdux biex ma jinkrimnawx irwiehom fil-process penali li jkun ghadu pendenti fil-konfront taghhom, imbaghad f'dak l-istadju il-gurati ghandhom jigu ggwidati meta jigu biex jiznu il-valur probatorju tal-istqarrijiet guramentati u dan ghaliex "**The right to a fair administration of justice holds so prominent a place in a democratic society that it cannot be sacrificed to expediency**."*

*Dan ghaliex kif gie deciz fil-kaz Luca v Italy [(2003) 36 EHRR 46], inghad mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:-*

***"As the court has stated on a number of occasions . . . it may prove necessary in certain circumstances to refer to depositions made during the investigative stage (in particular where the witness refuses to repeat his deposition in public owing to fears for his safety, a not infrequent occurrence in trials concerning Mafia-type organisations). If the defendant has been given an adequate and proper opportunity to challenge the depositions, either when made or at a later stage, their admission in evidence will not in itself contravene Article 6.1 and 3(d). The corollary of that, however, is that where the conviction is both solely or to a decisive degree based on depositions that had been made by a person whom the accused has had no opportunity to examine or to have examined, whether during the investigation or at the trial, the rights of the defence are restricted to an extent that is incompatible with the guarantees provided by Article 6."***

*Dan ifisser allura illi hemm erba' kriterji li jridu jigu ikkunsidrati:*

*1. Illi x-xhieda bhala regola trid tinghata viva voce fil-Qorti fejn l-akkuzat ikollu kull opportunita' li jikkontrolla dak li jghid ix-xhud.*

*2. Il-fatt illi x-xhieda ma jixhdux madanakollu ma ghandux iwassal ghall-inammissibilita` tal-istqarrija minnhom rilaxxata fl-istadju tal-investigazzjonijiet jew fil-pre-trial stage u dan ghaliex irid jittiehed in konsiderazzjoni l-fatturi kollha tal-kaz, bhal perezempju fil-kaz meta xhud ma jistax jingieb jixhed ghax ikun miet.*

*3. L-affidabbilita ta' dik l-istqarrija u tax-xhud li jkun irrilaxxjaha.*

*4. Finalment jekk dik ix-xhieda guramentata wahedha hijiex l-unika prova inkriminati u deciziva fil-konfront tal-persuna akkuzata.*"

Fil-kaz odjern, kif inghad izjed 'il fuq, il-Prosekuzzjoni ddikjarat f'zewg seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament preseduta illi l-pulizja fittxet diversi drabi lil Pasquale Calandra, izda ma rnexxilhiex issibu, kif ukoll illi x-xhud huwa barrani u li ma jistax jinstab. F'dan ir-rigward, il-Qorti tinnota illi l-Prosekuzzjoni baqghet ma spjegatx x'kienet ghamlet biex effettivament fittxet lil dan Calandra, f'hiex kienu jikkonsistu dawn it-tentattivi u per ezempju, jekk ippruvatx tfittxu f'pajjizu sabiex telimina wkoll il-possibilita` tat-tehid tax-xhieda tieghu permezz tal-proceduri tal-ittri rogatorji. Effettivament ghalhekk wara d-dikjarazzjoni taghha li x-xhud ma nstabx, il-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi u d-difiza giet prekluza mid-dritt taghha li taghmel kontro-ezami lil dan ix-xhud. Apparti dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis ukoll illi a bazi tal-principji stabbiliti fis-sentenzi fuq citati, sabiex tistabilixxi x'valur probatorju ghandha tinghata l-istqarrija guramentata ta' Calandra, il-Qorti ghandha tixtarr ukoll xi provi ohra ngiebu fil-proceduri sabiex b'hekk tistabilixxi wkoll il-piz probatorju tal-istess stqarrija guramentata. Issa f'dan il-kaz, ghalkemm ix-xhud *Second SM* 45 Marisa Bartolo xehdet dwar kif hija rat lil Calandra u lill-imputata jaghmlu kuntatt, kif ukoll illi hija rat lil Calandra jghaddi l-flus lill-imputata, b'din tal-ahhar tghaddilu xi haga u in oltre, illi ftit wara l-istess Calandra nstab fil-pussess ta' zewg boroz bid-droga kokaina, apparti xi flus kontanti, l-istqarrija guramentata ta' Calandra hija l-unika prova deciziva fil-konfront tal-imputata li tabbina, lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, id-droga li nstabet fil-pussess ta' Calandra mal-istess imputata. F'dawn ic-cirkostanzi, la darba d-difiza giet priva milli tikkonfronta u tikkontrolla x-xhud Calandra billi taghmel l-kontro-ezami tieghu, il-Qorti tqis illi m'ghandhiex triq ohra hlief illi tiskarta l-istqarrija guramentata tal-istess Calandra.

Skartati l-imsemmija provi, il-Qorti jidhrilha illi l-osservazzjonijiet tax-xhud *Second SM* 45 Marisa Bartolo illi, kif diga` inghad, rat lill-imputata tghaddi lil Calandra "*xi haga*" wara li dan ghaddielha xi flus u s-sejba tad-droga kokaina ftit wara fuq l-istess Calandra, m'humiex sufficjenti sabiex iwassluha ghall-konkluzjoni illi l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata jirrizultaw ippruvati fil-grad rikjest mil-ligi.

Ghaldaqsant, la darba m'hijiex qed issib reita` fl-imputata fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet, l-istess imputata lanqas ma tista' tinstab hatja talli hija recidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9, skont l-imputazzjoni (c) u talli

kisret il-kundizzjoni moghtija lilha permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tal-14 ta' Novembru 2005, skont l-imputazzjoni (d).

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u qeghda tilliberaha minnhom.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument PG2, hekk din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Stante li l-imputata qieghda tigi illiberata mill-imputazzjonijiet odjerni, il-Qorti m'hijiex qed tikkundannaha ghall-hlas tal-ispejjez inkorsi fil-hatra tal-esperti.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat